*Diskors indirzzat mill-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta, waqt il-Konferenza Nazzjonali "Il-Familja, Soċjetà Inklussiva u l-Isfidi għall-Ġejjieni', 14 ta' Mejju 2018*

Ministru Michael Falzon
Segretarju Parlamentari, Roderick Galdes
Uffiċċjali tal-Ministeru
Mistiedna distinti,
Għeżież ħbieb.

Inħossni onorata li ġejt mistiedna għal din il-konferenza nazzjonali, li se tiffoka fuq l-irwol importanti tal-familja fi ħdan is-soċjetà Maltija kontemporanja.

Irid nibda billi nawgura lill-Onor. Ministru Dr. Michael Falzon u t-tim tiegħu, li qed jorganizzaw din il-konferenza ta' llum, biex tagħti l-viżibilita' meħtieġa lil dan il-qasam, tant importanti, fis-settur socjali ta' pajjiżna.

Huwa ta' sodisfazzjon għalija li din il-konferenza qed tinkludi il-parteċipazzjoni ta' professjonisti, akkademiċi, u lil dawk involuti fit-tfassil tal-politika, u li ġejjin minn oqsma differenti tas-soċjetà Maltija.

Jiena nemmen li il-"wellbeing" tal-familji tagħna ghandu jkun ċentrali għax-xogħol li dejjem jinħtieġ li nagħmlu għall-ġid tas-soċjeta' li ngħixu fiha.

Irid nistqarr li hija ta' ispirazzjoni għalija, li nara lil kulħadd f'din il-kamra magħqud għall-għan wieħed, jiġifieri, dak li nkomplu nsaħħu, ….. nkomplu nagħtu s-support, u …. nkomplu nagħtu l-"empowerment" meħtieġ, lill-familji diversi li jqisu lill-Gżejjer Maltin bħala id-dar tagħhom.

Mingħajr dubju, il-familja hija l-istituzzjoni l-aktar fundamentali fi ħdan is-soċjetà Maltija.

Fil-fatt, il-familji huma l-pedament li fuqu jista jinbena l-ambjent addatat biex niksbu il-ġid soċjali. Il-familji huma kruċjali għall-iżvilupp san tal-komunitajiet tagħna, u ta' pajjiżna inġenerali.

Bħal kull istituzzjoni ħajja, il-kunċett tal-familja evolva matul iż-żmien, u bla dubju, ser ikompli jevolvi.

Fid-dinja tal-lum, huwa importanti li nagħrfu li l-kunċett tal-familja irrid ikun wieħed aktar inklussiv u s-soċjeta trid tkun aktar miftuħa u kapaċi li tiċċelebra d-diversità sħiħa tas-soċjetà kontemporanja li qiegħdin ngħixu fiha.

Madanakollu, rridu nirrikonoxxu li, filwaqt li mxejna ħafna 'l quddiem f'dak li għandu x'jaqsam mal-leġislazzjoni, irridu nistinkaw aktar biex nassiguraw li l-liġijiet tagħna jiġu tassew tradotti f'bidliet effettivi li jgħinu l-iżvilupp kulturali tagħna.

Ma' rridux inkunu kuntenti b'dak li akkwistajna sal-lum, iżda irridu nkunu kuraġġużi u nibqgħu nevalwaw u nanalizzaw, regolarment, kif il-liġijiet u l-politika li qed inħaddmu qed jaffettwaw il-familji u l-komunitajiet, fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.

Dan għaliex ix-xogħol ta' evalwazzjoni u analiżi dwar l'iżvilupp tal-familja għandu jkun proċess kontinwu, biex nkunu nistaw nassiguraw li kull familja tinagħta d-dinjità, r-rispett, u l-appoġġ li jistħoqqilha f'kull zmien.

L-esperjenza personali tiegħi, kemm bħala Ministru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali, kif ukoll fir-rwol attwali ta' President, urietni kemm ir-relazzjonijiet pożittivi fi ħdan il-familji huma importanti, sabiex ikun iddeterminat il-ġid soċjali tal-komunitajiet u s-soċjetà tagħna, in ġenerali.

Barra minn hekk, smajt ukoll rakkonti ta' individwi u familji, li urewni kemm jinħtieġ naħdmu aktar, biex inbiddlu l-mentalita', ħalli nindirrizaw il-preġudizzji u l-inġustizzji, u nibdluhom f' mentalita' ta rispett u dinjita'.

Sfortunatament, smajt mingħand ġenituri li ma jridux lil uliedhom jilgħabu u jagħmluha ma' tfal li ġejjin min familji b'ġenituri tal-istess ġeneru.

Sfortunatament, smajt mingħand ġenituri li qed jgħixu fir-riskju tal-faqar u l-prekarjat, li mhux qed ikunu kapaċi jagħtu l-aħjar ħajja lil uliedhom.

Sfortunatament, smajt mingħand familji ta' immigranti u refuġjati, li mhux qed ikunu milqugħa jew trattati b'rispett, fi ħdan il-komunitajiet li qed jgħixu fihom.

Sfortunatament, smajt mingħand familji b'ġenitur wieħed, li għadhom qed ibatu minn diskriminazzjoni u stigma.

Bla dubju ta' xejn, ma nistgħux nippermettu li dawn il-familji jħossuhom "anqas minn" familji oħra, għaliex m'humiex mibnija fuq il-mudell tradizzjonali.

It-tipi diversi ta' familji għandhom kollha jkunu ċċelebrati, protetti, u kkurati, kemm mill-awtoritajiet pubbliċi iżda wkoll, aktar importanti, mill-poplu tal-Gżejjer tagħna.

Jinħtieġ li nżommu quddiem għajnejna li l-familja, hi min hi, u hi minn fejn hi, hija entità vulnerabbli, u jistħoqqilha tkun protetta mis-soċjeta', sabiex tkun tista tiżvillupa b'mod b'saħħtu.

L-appoġġ lill-familji, fid-diversita' kollha tagħhom, għandu jkun r-responsabbiltà ta' kull wieħed u waħda minna, ….. jekk irridu tassew ngħixu f'kommunitajiet u f'soċjeta inklussivi u rispettużi.

Xtaqt nieħu eżempju ta' sfida kontemporanja, li qed naffaċċjaw, u li tista tkun ta xkiel lill-familji milli jiżviluppaw relazzjonijiet b'saħħithom.

L-użu tat-teknoloġija diġitali ….. l-użu tat-teknoloġija diġitali qed ibiddel il-mod kif il-persuni jikkomunikaw, mhux biss fi ħdan il-familji tagħna iżda wkoll fis-soċjetà in generali.

Il-metodi diġitali tal-komunikazzjoni jistgħu jgħinu biex itejbu r-relazzjonijiet familjari, billi jżommu persuni f'kuntatt, iżda jistgħu jkunu wkoll mezz ta' firda, jekk il-persuni jinqatgħu f'dinja għalihom, billi jużaw il-"mobiles" u t-"tablets" aktar milli jitkellmu ma' ħaddieħor.

Dan is-suġġett importanti ser ikun is-suġġett ewlieni waqt seminar li ser isir f'Jum il-Familja, imtella' miċ-Ċentru Nazzjonali għar-Riċerka fuq il-Familja u ċ-Ċentru Nazzjonali għall-Ħelsien mill-Vizzji, fi ħdan il-Fondazzjoni tiegħi għall-Ġid tas-Soċjetà.

Il-kelliem ewlieni, il-Professur Francesco Belletti, huwa awtorità fuq skala mondjali fuq il-mezzi diġitali u l-effetti tagħhom fuq il-familja.

Is-seminar, bl-isem "Digital Networks and Family Relationships", ser jipprovdi spazju ieħor għall-professjonisti u għall-familji, sabiex jindirizzaw aħjar it-tħassib tagħhom dwar l-effett tat-teknoloġiji moderni.

Nemmen li hu importanti, li niddiskutu u nagħrblu, regolarment, il-mod ta' kif qed tinbidel il-familja moderna, għaliex bid-diskussjoni, u bil-qsim tal-idejat, nistgħu niżviluppaw l-għaqda tant meħtieġa bejn il-ġenerazzjonijiet u fi ħdan il-familji tagħna.

Irridu nammettu li l-għarfien, l-esperjenzi, u l-valuri tal-ġenerazzjonijiet ta' qabilna huma parti essenzjali mill-identità Maltija tagħna, u ghalhekk għandna nkomplu ngħożżu l-kontribut li tawna, bħala kontribuzzjoni importanti fit-tisħiħ tal-familja.

Skond indikaturi minn sorsi varji, inkluż il-Fondazzjoni għas-saħħa mentali bbażata fir-Renju Unit, persuni li għandhom rabta qawwija fil-familji huma; "*aktar kuntenti, aktar b'saħħithom fiżikament, u jgħixu aktar fit-tul, b'anqas problemi ta' sahha mentali minn persuni li huma anqas viċini ta' xulxin.*"

Irrid nieħu din l-opportunità biex nkompli nħeġġeġ lil kullhadd, fil-kapaċitajiet varji tagħna, sabiex nagħtu prijorità lit-tisħiħ tal-familja, sabiex ikollna r-reżiljenza meħtieġa, u nkunu f'qagħda li negħlbu l-isfidi tal-lum u tal-ġejjieni aħjar.

Irrid nenfasizza ukoll li familja b'saħħitha u l-ġid soċjali huma intrinsikament marbutin flimkien.

Għaldaqstant, inħeġġiġkom biex tagħmlu minn din il-konferneza opportunita' ta' żvillup ta' idejat innovativi, u ta' deċiżjonijiet għall-azzjonijiet effettivi, ħalli l-politika soċjali f'pajjiżna tkun msejsa fuq l-appoġġ prattiku, li jinħtieġ nagħtu lill-familji fil-gżejjer tagħna.

B'dan il-mod, inkunu qed nassiguraw l-izvilup tal-familji kollha, fid-diversità sħiħa tagħhom.

Familji b'saħħtihom joħolqu kommunitajiet aktar b'saħħithom ,… u … soċjetà li tkun tista tgħix fil-paċi u fil-prosperità.